2023/2216

9.11.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 100/2023

## tat-28 ta' April 2023

## li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2254]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/822 tal-24 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) Nru 1003/2013 u (UE) 2019/360 fir-rigward tat-tariffi annwali superviżorji imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għall-2021 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 31bcl (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2013) u fil-punt 31bhf (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/360) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

", kif emendata bi:

— **32021 R 0822**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/822 tal-24 ta' Marzu 2021 (ĠU L 183, 25.5.2021, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2021/822 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 386/2021 tal-10 ta' Diċembru 2021 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 183, 25.5.2021, p. 1.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Nicolas VON LINGEN